-

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, il-Ħamis, 29 ta' Novembru, 2018**

**Kawża Nru. 5 (Kost.)**

**Rik. Nru. 13/17JRM**

Angelus **VELLA** u Jason Said

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-17 ta' Marzu, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti (1) ssib li huma ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem

imsejħa "il-Kostituzzjoni") meta (i) huma taw stqarrijiet lill-Pulizija waqt li kienu arrestati bla ma tħallew ikollhom l-għajnuna ta' avukat waqt l-arrest u qabel jew matul l-interrogazzjoni mill-Pulizija, u (ii) l-użu fil-proċeduri kriminali mnedijin kontrihom tal-istess stqarrijiet u dikjarazzjonijiet magħmula minnhom lill-Pulizija meta ma kellhomx il-jedd li jkellmu minn qabel avukat tal-fiduċja tagħhom; kif ukoll (iii) minħabba li ma ngħatalhomx aċċess għall-'*file*' tal-Pulizija bi ksur tar-'*rule of disclosure*'; u minħabba (iv) nuqqasijiet imwettqa matul l-istadju tal-Kumpilazzjoni bl-ammissjoni ta' dokumenti li ttieħdu bi ksur tal-liġi u li ma messhom qatt kienu mħollija jagħmlu parti mill-atti tal-istess Kumpilazzjoni; u (2) li tagħti dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Marzu, 2017, li bih qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tas-6 ta' April, 2017, u ordnat in-notifika lill-intimat;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fil-5 ta' April, 2017, li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrenti billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni saret qabel waqtha billi fil-qagħda li fiha jinsabu l-proċeduri kontra r-rikorrenti, ma huwiex magħruf b'liema mod jistgħu jġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq, u li ma jistax jingħad li jseħħ ksur ta' jedd bħal dak jekk kemm-il darba ma jitqiesx il-proċess kollu meta jintemm. Fil-mertu, jgħid li r-rikorrenti la ġarrbu u lanqas sejrin iġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq. It-teħid waħdu tal-istqarrijiet tar-rikorrenti mill-Pulizija ma jġibx b'daqshekk biss ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq, l-aktar meta wieħed iqis li fl-istqarrijiet tagħhom l-istess rikorrenti għażlu li ma jweġbux għal bosta mill-mistoqsijiet li sarulhom. Huma ma kienu bl-ebda mod imġegħlin jagħmlu stqarrijiet u kienu mwissija li dak li setgħu jgħidu seta' jintuża kontrihom 'il quddiem. Iżid jgħid li l-Qorti Kriminali taf tagħraf fejn u kif għandha tqis il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni u biex tara li l-jeddijiet tar-rikorrenti għal smigħ xieraq jitħarsu kif imiss. Għal dak li r-rikorrenti jilmentaw minnu dwar xi provi dokumentali li tressqu, jgħid li l-Qorti ta' Appell Kriminali diġà fissret il-fehma tagħha meta r-rikorrenti ressqu eċċezzjoni f'dan ir-rigward. Il-proċedura ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali ma għandhiex tintuża bħala proċedura ta' appell minn qorti ta' appell;

Rat in-Noti mressqa mir-rikorrenti fid-9 ta' Mejju, 2017[1], u fit-13 ta' Lulju, 2017[2], bil-provi dokumentali mehmużin magħhom;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Frar, 2018[3], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

---

[1] Paġġ. 35 sa 59 tal-proċess
[2] Paġġ. 62 sa 529 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fil-15 ta' Mejju, 2018[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat fid-9 ta' Lulju, 2018[5], bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Lulju, 2018, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrenti jgħidu li ġarrbu u qegħdin iġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Huma jgħidu li dan l-ilment tagħhom joħroġ minn erba' (4) ċirkostanzi – (i) minħabba li huma għamlu stqarrijiet mal-Pulizija waqt li kienu arrestati, bla ma tħallew ikellmu avukat tal-fiduċja tagħhom jew ikollhom l-għajnuna tiegħu; (ii) li, fin-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, ma tħallewx jaraw il-'*file*' tal-Pulizija u x'tagħrif kellhom dwarhom sa dakinhar; (iii) billi xi dikjarazzjonijiet li huma għamlu mal-Pulizija waqt li kienu miżmuma b'arrest u bla ma kellhom għajnuna ta' avukat tal-fiduċja tagħhom, tqiegħdu fl-atti tal-proċeduri li ttieħdu kontra tagħhom quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali; u (iv) billi, matul il-fażi tal-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, dik il-Qorti ħalliet jiddaħħlu fl-atti bħala provi xi dokumenti (interċettazzjonijiet telefoniċi) li ttieħdu bi ksur tal-liġi u li dik il-Qorti ma messha qatt ħalliethom jagħmlu mill-atti tal-kumpilazzjoni. Għalhekk, b'din il-kawża qegħdin jitolbu l-Qorti ssib li ġarrbu jew sejrin iġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq fil-proċeduri li għadhom mexjin kontrihom, u biex tagħtihom rimedji xierqa, b'mod partikolari billi jerġgħu jitqegħdu fl-istat li kienu qabel ma ġarrbu dak il-ksur;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimat laqa' billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni saret qabel waqtha billi fil-qagħda li fiha jinsabu l-proċeduri kontra r-rikorrenti, ma huwiex magħruf b'liema mod jistgħu jġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq, u li ma jistax jingħad li jseħħ ksur ta' jedd bħal dak jekk kemm-il darba ma jitqiesx il-proċess kollu meta jintemm. Fil-mertu, jgħid li r-rikorrenti

[3] Paġ. 533 tal-proċess
[4] Paġġ. 536 sa 558 tal-proċess
[5] Paġġ. 559 sa 566 tal-proċess

la ġarrbu u lanqas sejrin iġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq. It-teħid waħdu tal-istqarrijiet tar-rikorrenti mill-Pulizija ma jġibx b'daqshekk biss ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq, l-aktar meta wieħed iqis li fl-istqarrijiet tagħhom l-istess rikorrenti għażlu li ma jweġbux għal bosta mill-mistoqsijiet li sarulhom. Huma ma kienu bl-ebda mod imġegħlin jagħmlu stqarrijiet u kienu mwissija li dak li setgħu jgħidu seta' jintuża kontrihom 'il quddiem. Iżid jgħid li l-Qorti Kriminali taf tagħraf fejn u kif għandha tqis il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni u biex tara li l-jeddijiet tar-rikorrenti għal smigħ xieraq jitħarsu kif imiss. Għal dak li r-rikorrenti jilmentaw minnu dwar xi provi dokumentali li tressqu, jgħid li l-Qorti ta' Appell Kriminali diġà fissret il-fehma tagħha meta r-rikorrenti ressqu eċċezzjoni f'dan ir-rigward. Il-proċedura ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali ma għandhiex tintuża bħala proċedura ta' appell minn qorti ta' appell;

Illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti li l-Qorti għandha quddiemha, jirriżulta li fis-6 ta' Ġunju tal-2005, għall-ħabta ta' nofsinhar, il-Pulizija waqqfet lir-rikorrent Jason Said li kien qed isuq vettura fl-inħawi tal-Mellieħa. F'dik il-vettura, il-Pulizija sabu somma ta' madwar mija u sittax-il elf Dollaru Amerikan ($ 115,900) u 'l fuq minn erbat elef euro (€4,300), u somom oħra iżgħar fi flus kontanti u wkoll xi ċellulari. Dawn elevawhom fil-preżenza tal-istess rikorrent. Dakinhar ukoll, saret tfittxija fid-dar fejn joqgħod l-istess rikorrent u minn hemm il-Pulizija elevaw ukoll xi dokumenti;

Illi fis-7 ta' Ġunju, 2005[6], ir-rikorrent Jason Said ta stqarrija lill-Pulizija wara nofsinhar. Hu għażel li ma jweġibx bosta mill-mistoqsijiet li sarulu u kif ukoll li ma jiffirmahiex. L-interrogatorju dam għaddej mal-erbgħin minuta. Fit-30 ta' Ġunju, 2005[7], reġa' ssejjaħ mill-Pulizija u ntalab jagħmel stqarrija oħra. Għal darb'oħra, hu għażel li ma jwieġeb għall-ebda mistoqsija li saritlu u lanqas li jiffirmaha;

Illi fis-6 ta' Ġunju, 2005, ir-rikorrent Angelus Vella kien twaqqaf mill-Pulizija f'marina fil-Kottonera wara li niżel minn fuq '*cabin cruiser*' li l-Pulizija kienet qiegħda tfittex sa minn dakinhar filgħodu wara tagħrif li ngħatalha li kienet qiegħda tintuża biex tiddaħħal id-droga f'Malta[8]. Kienet saret tfittxija f'vettura tiegħu li kienet fil-qrib u nstabu xi dokumenti li ġew elevati mill-Pulizija fil-preżenza tiegħu;

Illi fis-7 ta' Ġunju, 2005[9], ir-rikorrent Angelus Vella ta stqarrija lill-Pulizija wara nofsinhar. Hu għażel li ma jweġibx bosta mill-mistoqsijiet li sarulu u kif

[6] Dok "NCP24" f'paġġ. 50 – 1 tal-proċess
[7] Dok "NCP27" f'paġġ. 52 – 52A tal-proċess
[8] Xhieda ta' Spett. Norbert Ċiappara f'paġġ. 42 – 3 tal-proċess
[9] Dok "DTP1" f'paġġ. 56 – 7 tal-proċess

ukoll li ma jiffirmahiex. Fit-30 ta' Ġunju, 2005[10], reġa' ssejjaħ mill-Pulizija u ntalab jagħmel stqarrija oħra. Għal darb'oħra, hu għażel li ma jwieġeb għall-ebda mistoqsija li saritlu u lanqas li jiffirmaha;

Illi fl-operazzjoni mwettqa mill-Pulizija fis-6 ta' Ġunju, kienu nżammu persuni oħrajn. Ġo vettura li kienet qiegħda tinsaq minn waħda minn dawn il-persuni, nstabu madwar tmien (8) kilogrammi ta' sustanza li kien maħsub li kienet erojina, maħsub li tniżżlet l-art minn fuq opra tal-baħar li l-Pulizija kienet qiegħda tfittex. L-operazzjoni tal-Pulizija kienet saret b'ko-ordinazzjoni mas-Servizz tas-Sigurtà ta' Malta li kienet qiegħda tirreġistra d-diskors li l-persuni suspettati kellhom bejniethom biċ-ċellulari tagħhom[11];

Illi r-rikorrenti tressqu b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-1 ta' Lulju, 2005[12], mixlija li (a) assoċjaw ruħhom ma' ħaddieħor biex jittraffikaw l-erojina bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi[13]; (b) impurtaw jew ġiegħlu 'l min jimporta f'Malta jew għenu biex tiddaħħal f'Malta l-erojina bi ksur tal-istess Ordinanza; (ċ) fornew jew ippruvaw ifornu l-imsemmija droga bla ma kienu liċenzjati skond l-imsemmija Ordinanza; u (iv) li kellhom fil-pussess tagħhom l-imsemmija droga bi ksur tal-istess Ordinanza;

Illi huma wieġbu li ma kinux ħatja[14];

Illi b'Ordni mogħti dakinhar stess[15] skond l-artikolu 22 tal-Ordinanza, l-intimat Avukat Ġenerali ordna li kull wieħed mir-rikorrenti jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontrihom;

Illi b'degriet mogħti fil-5 ta' Mejju, 2009[16], fuq talba tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, ordnat li tintgħamel kopja tal-interċettazzjonijiet telefoniċi li saru mis-Servizz tas-Sigurtà ta' Malta u li kopja tiddaħħal fl-atti tal-kumpilazzjoni. Il-Qorti ħatret espert biex isir dan. Kopja traskritta ta' dawn il-komunikazzjonijiet tressqet ukoll fl-atti ta' din il-kawża[17];

Illi l-Att tal-Akkuża kontra ż-żewġ rikorrenti nħareġ fis-16 ta' Awwissu, 2013[18], b'erba' (4) kapi ta' akkuża li jgħoddu għal kull wieħed minnhom. Ir-rikorrenti laqgħu n-notifika fis-27 ta' Awwissu, 2013;

---

[10] Dok "DTP2" f'paġġ. 58 – 9 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Supt. Neil Harrison u Dokti "NHP3" sa "NHP8" f'paġġ. 65 – 6 u 73 sa 85 tal-proċess
[12] Dok f'paġġ. 36 – 7 tal-proċess
[13] Kap 101
[14] Dokti f'paġġ. 40 – 1 tal-proċess
[15] Dokti f'paġġ. 38 – 9 tal-proċess
[16] Dok "BRA1" f'paġ. 89 tal-proċess
[17] F'paġġ. 96 sa 460 tal-proċess
[18] Att ta' Akkuża 23/13, dok f'paġġ. 463 – 8 tal-proċess

Illi r-rikorrenti ressqu Nota tal-Eċċezzjonijiet flimkien fis-17 ta' Settembru, 2013[19]. Fost l-eċċezzjonijiet preliminari, ir-rikorrenti qajmu (i) in-nullità tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali tat-22 ta' Novembru, 2010; (ii) it-tneħħija mill-atti tal-istqarrijiet tagħhom tas-7 ta' Ġunju, 2005 u tat-30 ta' Ġunju, 2005, billi dawn ingħataw meta ma kellhomx il-jedd li jsejħu l-għajnuna ta' avukat magħżul minnhom; (iii) it-tneħħija mill-atti ta' xhieda mogħtija minn uffiċjali prosekuturi mdaħħlin fl-istħarriġ, safejn din ix-xhieda kienet tirreferi għal kliem li qal ħaddieħor ("*hearsay*"); (iv) it-tneħħija mill-atti tal-kawża tad-dokumenti tat-traskrizzjonijiet tat-telefonati interċettati mis-Servizz tas-Sigurtà ta' Malta li għaddew lill-Pulizija; (v) is-siwi ta' tliet degrieti mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fis-6 ta' Ġunju, 2005, dwar il-ħatra ta' esperti; u (vi) talba biex il-Qorti Kriminali tordna lill-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà ta' Malta jressaq kopji tal-mandati ('*warrants*') maħruġa mill-Ministru taħt l-artikolu 18 tal-Kap 391 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti irtiraw din l-aħħar eċċezzjoni preliminari b'Nota mressqa minnhom fit-30 ta' Jannar, 2014;

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-28 ta' Marzu, 2014[20], u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari li, sa dakinhar, ma kinux għadhom irtirati;

Illi r-rikorrenti appellaw mill-imsemmija sentenza fit-3 ta' April, 2014[21]. Madankollu, waqt is-smigħ tat-30 ta' April, 2015, huma rtiraw it-tliet eċċezzjonijiet preliminari dwar id-degrieti tal-ħatra tal-esperti;

Illi b'sentenza tagħha tat-30 ta' Lulju, 2015[22], u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari li ma kinux għadhom irtirati sa dakinhar;

Illi r-rikorrenti fetħu din il-kawża fis-17 ta' Marzu, 2017, u sallum jidher li l-proċeduri kontra r-rikorrenti quddiem il-Qorti Kriminali għadhom għaddejjin;

Illi l-Qorti sejra tibda l-<u>kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali</u> marbuta mal-każ billi tgħaddi biex tqis l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimat[23] li tgħid li l-azzjoni tar-rikorrent tressqet qabel waqtha safejn l-azzjoni attriċi titkellem dwar ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni;

Illi l-intimat jgħid li, ġaladarba l-proċeduri kontra r-rikorrenti għadhom ma ntemmux, ma jistax jingħad li din il-Qorti tista' minn issa ssib li r-rikorrenti ġarrbu jew sejrin iġarrbu ksur tal-jeddijiet imħarsin b'dawk l-artikoli. B'mod

---

[19] Dok f'paġġ. 476 sa 482 tal-proċess
[20] Dok f'paġġ. 483 sa 496 tal-proċess
[21] Rikors tal-Appell f'paġġ. 497 sa 519 tal-proċess
[22] Dok f'paġġ. 520 – 9 tal-proċess
[23] Li tinsab imfissra f'paragrafu §2 tat-Tweġiba tiegħu

partikolari, dwar l-ilment tat-teħid tal-istqarrija bla ma r-rikorrenti kienu mgħejjuna minn avukat, l-intimat jgħid li jrid ikun intemm il-proċess kriminali kontra r-rikorrenti biex wieħed jista' jgħid jekk tassew ġarrbux ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq;

Illi r-rikorrenti ma ressqu l-ebda sottomissjoni dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari tal-intimat;

Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li l-eċċezzjoni hija tajba fil-każ tallum. Huwa tabilħaqq minnu li, fejn f'każ bħal dan, il-proċediment li jkun inbeda ma jkunx għadu ntemm, ir-regola ġenerali trid li l-kwestjoni dwar jekk seħħx tassew ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq irid jitqies fid-dawl tal-proċediment kollu[24]. Madankollu, billi l-ħarsien li trid tqis din il-Qorti u r-rimedji li tista' tagħti jgħoddu wkoll għal ċirkostanzi fejn il-ksur tal-jedd imħares ikun x'aktarx se' jiġri, ma jistax jingħad dejjem u bla eċċezzjoni li azzjoni bħal dik tar-rikorrenti tkun inbdiet qabel waqtha;

Illi l-eċċezzjoni tal-intempestività hija waħda ta' għamla dilatorja u għalhekk għandha titqajjem u tiġi mistħarrġa fil-bidu tal-kawża[25]. M'hemmx għalfejn jingħad li f'dan il-każ il-piż tal-prova jaqa' fuq l-intimat li jikkonvinċi lill-Qorti li l-azzjoni ma saritx f'waqtha u dan fuq il-massima li *reus in excipiendo fit actor*. Huma meħtieġa l-istess provi fi grad tali li s-soltu jaqa' fuq attur dwar il-pretensjonijiet tiegħu[26]. Minbarra dan, minħabba li l-effett ta' eżitu favorevoli għal eċċezzjoni ta' intempestività huwa dak li jeħles lill-parti mħarrka milli tibqa' iżjed fil-kawża, bil-jedd tal-parti attriċi li terġa' tibda proċedura meta jgħaddi t-terminu li kien ingħata, l-eċċezzjoni trid tintlaqa' meta tassew tkun pruvata u dan fuq il-massima li azzjoni tiġi salvata jekk dan huwa possibbli;

Illi f'dan ir-rigward ta' min jgħid li, f'każijiet ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali, l-eċċezzjoni tal-intempestività tal-azzjoni trid tgħaddi wkoll minn għarbiel ieħor ifjen. Dan jingħad għaliex azzjoni bħal din ukoll tista' titressaq qabel ma jkun seħħ ksur ta' jedd bħal dan. Fil-każ li għandna quddiemna, il-fatt waħdu li l-intimat eċċipjenti jorbot l-intempestività mal-kawża li għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ma jġibx li din il-kawża tressqet qabel waqtha, u l-eżami li trid tagħmel il-Qorti irid jagħti riżultati aqwa mis-sempliċi kostatazzjoni ta' proċeduri oħrajn pendenti quddiem qrati oħra[27];

---

[24] Ara, b'eżempju, Kost. **22.2.2013** fl-atti tar-Riferenza fl-ismijiet ***Repubblika ta' Malta vs Carmel Camilleri***
[25] Ara Kumm. **28.5.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Ellul*** (Kollez. Vol: **XLIX.iii.1161**)
[26] Ara P.A. **18.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Ricci vs Latzen*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.745**)
[27] Ara P.A. Kost MCH **28.5.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Ivan Gauċi et vs L-Avukat Ġenerali et*** (mhix appellata)

Illi bosta drabi l-Qrati sabu li ċirkostanzi partikolari proċedurali jistgħu jagħtu ħajja u attwalità lil ilment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq ukoll minkejja li l-proċediment ma jkunx għadu ntemm[28]. F'każ bħal dak, l-ilment ma jkunx tqajjem qabel waqtu, l-aktar jekk kemm-il darba jinħalaq preġudizzju serju jekk iċ-ċirkostanza ma tkunx mistħarrġa qabel ikun tard wisq;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma jistax jingħad li l-ilment dwar it-teħid tal-istqarrija fiċ-ċirkostanzi msemmija mir-rikorrenti ma jfisser xejn għall-qies tal-ilment tagħhom dwar il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Mill-ħafna xhieda dokumentali mressqa f'din il-kawża, ħareġ li ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdu ż-żewġ stqarrijiet ta' kull wieħed miż-żewġ rikorrenti, setgħu kienu tali li fihom infushom iwasslu għal ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq bil-fatt waħdu li l-istess stqarrijiet tressqu bi prova mill-Prosekuzzjoni fl-atti tal-kumpilazzjoni (u jidher li għadhom fl-atti tal-Att tal-Akkuża sallum) u li xi uffiċjali tal-Prosekuzzjoni mdaħħla fl-istħarriġ tal-każ xehdu dwar iċ-ċirkostanzi ta' dawk l-istqarrijiet. Dan il-fatt, fil-fehma meqjusa tal-Qorti, juri kemm l-istħarriġ tal-kwestjoni huwa siewi w attwali mqar f'dan l-istadju;

Illi filwaqt li jista' jkun li, dwar l-aspetti l-oħrajn li fuqhom ir-rikorrenti jressqu l-każ tagħhom f'din il-kawża, il-kwestjoni għadha miftuħa u jiddependi minn dak li jiġri waqt il-Ġuri, dwar din iċ-ċirkostanza partikolari tat-teħid tal-istqarrijiet il-Qorti ma jidhrilhiex li l-kwestjoni tqajmet qabel waqtha;

Illi għal din ir-raġuni, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-intimat;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**ilment tal-ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq**, diġa` ngħad li dan l-ilment jinġabar taħt erba' (4) kawżali li qegħdin jissemmew kif ġej: (i) minħabba li huma għamlu stqarrijiet mal-Pulizija waqt li kienu arrestati, bla ma tħallew ikellmu avukat tal-fiduċja tagħhom jew ikollhom l-għajnuna tiegħu; (ii) li, fin-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, ma tħallewx jaraw il-'*file*' tal-Pulizija u x'tagħrif kellhom dwarhom sa dakinhar; (iii) billi xi dikjarazzjonijiet li huma għamlu mal-Pulizija waqt li kienu miżmuma b'arrest u bla ma kellhom għajnuna ta' avukat tal-fiduċja tagħhom, tqiegħdu fl-atti tal-proċeduri li ttieħdu kontra tagħhom quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali; u (iv) billi, matul il-fażi tal-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, dik il-Qorti ħalliet jiddaħħlu fl-atti bħala provi xi dokumenti (interċettazzjonijiet telefoniċi) li ttieħdu bi ksur tal-liġi u li dik il-Qorti ma messha qatt ħalliethom jagħmlu mill-atti tal-kumpilazzjoni. Il-Qorti sejra tistħarreġ dawn il-kawżali waħda wara l-oħra kif issemmew fir-rikors promotur;

---

[28] Kost **22.2.2013** fl-atti tar-Riferenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spett. Josric Mifsud) vs Tyrone Fenech*** u Kost. **18.7.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Trevor Bonniċi vs Avukat Ġenerali*** fost oħrajn

Illi l-Qorti għalhekk sejra l-ewwel tistħarreġ il-kwestjoni tal-għemil tal-istqarrijiet mir-rikorrenti bla ma tħallew ikellmu avukat tal-għażla tagħhom;

Illi f'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jissottomettu li l-fatt li huma ċċaħħdu milli setgħu jkellmu avukat matul il-ħin kollu minn x'ħin kienu arrestati sa ma ħallew l-ewwel istqarrija lill-Pulizija (u fejn ġara l-istess meta t-tnejn li huma ssejħu mill-ġdid xi ftit ġimgħat wara lejliet li tressqu b'arrest quddiem il-Qorti), jikkostitwixxi minnu nnifsu ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq. Ladarba dak iż-żmien, il-liġi ma kinitx tagħti li persuna arrestata setgħet titlob li tkun mgħejjuna minn avukat, ġabilhom ksur li ma jissewwiex ta' dak il-jedd. Jgħidu li dan il-ksur sar attwali hekk kif tressqu quddiem il-Qorti mixlija b'għadd ta' reati u l-imsemmija stqarrijiet iddaħħlu fl-atti tal-Kumpilazzjoni. Jisħqu li, minkejja li setgħet ingħatatilhom twissija dwar dak li jgħidu ma kellhom l-ebda għażla oħra għajr li jwieġbu għall-mistoqsijiet li kienu qegħdin isirulhom mill-uffiċjali investigaturi. Iżidu jgħidu li, kemm il-Qorti Kriminali u kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali qagħdu fuq deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali meta ċaħdulhom l-eċċezzjoni preliminari tagħhom biex l-istqarrijiet jitneħħew mill-atti tal-Att tal-Akkuża. Huma jsaħħu dan kollu b'tismija ta' deċiżjonijiet mogħtijin kemm mill-Qrati tagħna u kif ukoll mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'dawn l-aħħar żminijiet f'dan ir-rigward;

Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat iwarrab dawn l-argumenti billi jgħid li, mill-provi mressqa, ħareġ ċar li l-Pulizija taw lir-rikorrenti t-twissijiet li setgħu jagħżlu li ma jgħidu xejn u li dak li jgħidu kien jista' jintuża b'xhieda kontrihom; li, sewwasew minħabba tali twissijiet, ir-rikorrenti għażlu li ma jwieġbu kważi għall-ebda mistoqsija li saritilhom; u li r-rikorrenti t-tnejn għażlu li ma jiffirmawx u la t-twissija li saret f'kull waħda mill-istqarrijiet u lanqas l-istqarrijiet infushom; li l-istqarrija waħedha mhijiex il-proċess kontra r-rikorrenti, u l-ilment tagħhom dwar il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq irid jitqies fil-qafas tal-provi kollha li l-Pulizija ġabret f'dan il-każ u li wkoll jistgħu jagħmlu parti mill-inkartament tal-akkuża kontrihom u tal-proċess kollu meta jintemm; u li l-jedd ta' persuna suspettata li tkun mgħejjuna minn avukat mhuwiex il-konsegwenza naturali tat-tħaddim tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. L-intimat isemmi wkoll deċiżjonijiet tal-Qrati Maltin u tal-QEDB biex isaħħaħ l-argumenti tiegħu;

Illi dan l-ilment tar-rikorrenti jissejjes kemm fuq dak li jipprovdi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni;

Illi **għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**, għandu jingħad li, fil-partijiet tiegħu rilevanti għal dan il-każ, dak l-artikolu jipprovdi li: "*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali*

*huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. ... (5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari. (6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali - ... (ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi; ... (10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha*";

Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qegħda tinstama' minn Qorti indipendenti w imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti[29] u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja[30];

Illi fid-dawl taċ-ċirkostanzi li fuqhom ir-rikorrenti jibnu l-każ tagħhom tal-lum, għandu joħroġ ċar li dawn jirreferu għal qagħda li kienet teżisti qabel ma r-rikorrenti kienu għadhom imqar tressqu quddiem qorti biex iwieġbu għall-akkużi magħmula kontrihom. F'każ bħal dak, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jkunux għadhom bdew jgħoddu[31]. Madankollu, wieħed jista' jgħid li, bħala fatt, il-Pulizija nqdiet bl-istqarrijiet wara li ressqet lir-rikorrenti quddiem il-Qorti Istruttorja u l-fatt li dawk l-istqarrijiet għadhom jagħmlu parti mill-inkartament taf tiġbed fuqha l-istħarriġ tal-ilment tar-rikorrenti mil-lenti tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni wkoll jekk kemm-il darba dawk l-istqarrijiet kellhom jitħallew f'dak l-inkartament. Dan jidher li għadu l-każ wara l-ħruġ formali ta' Att ta' Akkuża fir-rigward taż-żewġ rikorrenti[32]. Għalhekk, lil hinn mis-siwi probatorju li l-istqarrijiet jista' jkollhom (billi fiż-żewġ okkażjonijiet ir-rikorrenti għażlu li ma jweġbux għall-biċċa l-kbira mill-mistoqsijiet li sarulhom u lanqas iffirmaw l-istqarrijiet), il-fatt waħdu li dawn ittieħdu kif ittieħdu u li llum għadhom jagħmlu parti mill-atti tal-Att tal-Akkuża iġib it-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

---

[29] P.A. (Kost.) **17.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Karl Heinrich Muscat vs l-Avukat Ġenerali et***
[30] Kost. **16.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żarb et vs Ministru tal-Ġustizzja et***
[31] Kost. **13.2.2017** fl-atti tar-Riferenza Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spett. Graziella Muscat) vs Philip Borġ***
[32] Ara, f'dan ir-rigward, Kost. **24.6.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et*** §§ 8 – 9

Illi, minħabba f'hekk (u ladarba l-Qorti diġà qieset mhux tajba l-eċċezzjoni preliminari li l-azzjoni attriċi tressqet qabel waqtha) il-kwestjoni dwar jekk l-għemil tal-erba' stqarrijiet (tnejn minn kull wieħed miż-żewġ rikorrenti) fiċ-ċirkostanzi li fihom saru twassalx għall-ksur tal-jedd tar-rikorrent kif imħares taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, tiddependi għal kollox minn jekk dawk l-istqarrijijiet jitħallewx fl-inkartament jew jekk ikunux jistgħu jitqiesu mill-Qorti Kriminali li għadha trid tiddeċiedi dwar il-ħtija jew le tar-rikorrenti. Jekk dik il-Qorti ma tkunx tista' tinqeda bl-istqarrijiet fl-evalwazzjoni tagħha tal-provi mressqa quddiemha (u dan jgħodd ukoll għall-Ġurija li ma tingħata l-ebda ħjiel tal-istess stqarrijiet), din il-Qorti ma tarax kif ir-rikorrenti jkunu allura ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq taħt l-artikolu msemmi tal-Kostituzzjoni;

Illi **għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni**, fil-partijiet rilevanti tiegħu għal dan il-każ, dan jipprovdi li: "*(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti w imparzjali mwaqqaf b'liġi. .. ..; (2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skond il-liġi; (3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin ... (ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk*";

Illi normalment, l-imsemmi artikolu jinqara flimkien mal-artikolu 6(1) tal-istess Konvenzjoni. Dan jingħad għaliex "*the specific enumeration in the third paragraph for criminal proceedings does not imply that an examination for compatibility with the third paragraph makes an examination for compatibility with the first paragraph superfluous, since the guarantees contained in the third paragraph of Article 6 are constituent elements, inter alia, of the general notion of a fair trial. The enumeration of the third paragraph is not limitative in that respect, and it is therefore possible that, although the guarantees mentioned there have been satisfied, the trial as a whole still does not satisfy the requirements of a fair trial*"[33];

Illi f'dan ir-rigward, għalhekk, jidher ċar li l-applikabilità tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija usa' minn dik mogħtija għall-istess jedd taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan ukoll għaliex l-effetti tal-artikolu tal-Konvenzjoni jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ dwar stħarriġ ta' lment

[33] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), § 10.10.1 f'paġ. 631

ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq sa minn qabel mal-każ jitressaq għal smigħ quddiem qorti, jekk kemm-il darba jintwera li l-proċediment x'aktarx ikun serjament kompromess b'xi nuqqas ta' tħaris fi stadju bikri ta' xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu;

Illi llum il-ġurnata jidher li ma għad fadal l-ebda dubju li, għall-finijiet tal-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni, l-jedd li wieħed ikun mgħejjun minn avukat magħżul minnu nnifsu jew imqabbad għalih b'xejn meta ma jkollux minn fejn iħallas avukat, jibda jgħodd sa minn qabel is-smigħ proprju tal-każ kriminali. Jidher li din it-tifsira ħarġet mill-fatt li ladarba l-ħarsien tal-jedd ta' smigħ xieraq fejn jidħol it-tul taż-żmien ta' kawża taħt l-artikolu 6(1) jgħodd f'kull stadju tal-proċediment[34], ma jistax jonqos li l-istess firxa tal-artikolu 6 ma tkunx tgħodd ukoll għal dawk il-garanziji minimi li l-persuna suġġetta għall-proċediment kriminali għandha jedd tgawdi taħt is-sub-artikolu (3) tal-imsemmi artikolu. Jidher li l-jedd li persuna tkun mgħejjuna minn avukat imqar waqt il-fażi tal-interrogazzjoni huwa b'rispett għad-dritt li l-ebda persuna ma għandha titħalla jew tkun imġiegħla tinkrimina lilha nnifisha[35];

Illi maż-żmien, it-tħaddim mogħti lil dan is-sub-artikolu fejn jidħol il-jedd ta' għajnuna ta' avukat ukoll fil-waqt li l-persuna tkun għadha miżmuma mqar b'suspett ta' twettiq ta' reat jew waqt l-istħarriġ tal-istess reat, u qabel ma jkunu nħarġu kontra tagħha akkużi speċifiċi, twessa' biex jinkludi l-waqt fejn dik il-persuna tkun intalbet u tkun tat stqarrija lill-Pulizija u dan biex jingħata ħarsien "prattiku u effettiv" lill-imsemmi jedd[36]. Dan il-jedd tal-preżenza ta' avukat sa minn dak il-waqt bikri tal-"proċediment" ma jistax jiċċaħħad jekk mhux għal "raġunijiet tajbin"[37] jew jekk il-persuna suspettata nnifisha tirrifjuta li tkun mgħejjuna minn avukat[38]. F'dan ir-rigward ingħad li "*neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial, as long as a waiver of the right is given in an unequivocal manner and was attended by the minimum safeguards commensurate to its importance*"[39];

Illi, fin-nuqqas ta' rinunzja bħal din, jaqa' fuq l-awtorità pubblika li turi kemm li kien hemm raġuni tajba biex iċċaħħad lil persuna milli tkun mgħejjuna minn avukat u kif ukoll li dik il-persuna tassew u mingħajr theddid irrinunzjat għal dak il-jedd. Din il-kwestjoni wkoll kienet mistħarrġa b'reqqa mill-ogħla Qorti

[34] Q.E.D.B. **24.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Imbrioscia vs Svizzera*** (Applik. Nru. 13972/88) § 36
[35] Q.E.D.B. **12.1.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Malta*** (Applik. Nru. 37537/13) §§ 56 – 58
[36] Q.E.D.B. (GC) **27.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Salduz vs Turkija*** (Applik. Nru. 36391/02) § 55 li qalbet is-sentenza mogħtija mit-Tieni Sezzjoni fl-**26.4.2007** li ma kinitx sabet ksur tal-art. 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni
[37] Q.E.D.B. (GC) **25.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Murray vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 18731/91) § 63
[38] Q.E.D.B. **23.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Yoldas vs Turkija*** (Applik. Nru. 27503/04) § 51
[39] Q.E.D.B. **15.9.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Paskal vs Ukrajina*** (Applik. Nru. 24652/04) § 76

tagħna u din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn terġa' toqgħod ittenni dak li ingħad minn dik il-Qorti aktar milli tirreferi għas-sentenza relativa[40];

Illi jidher li fejn – bħalma kienet il-qagħda f'Malta fiż-żmien rilevanti għall-każ taż-żewġ rikorrenti – il-liġi ma kinitx tagħti lil persuna miżmuma jew interrogata mill-Pulizija li tikkonsulta ma' jew tkun mgħejjuna minn avukat tal-fiduċja tagħha, qabel ma tħalli stqarrija, kienet biżżejjed biex twassal għal sejbien ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni[41]. Minbarra dan, jidher ukoll li dawk il-prinċipji jgħoddu wkoll fejn il-proċediment kriminali ma jkunx għadu ntemm (għalkemm, f'dak il-każ, jridu jidħlu kunsiderazzjonijiet oħrajn marbuta mar-rimedjabilità tempestiva tal-użu li jista' jew ma jistax isir minn stqarrija mogħtija f'ċirkostanzi bħal dawk). F'dak ir-rigward il-fatt waħdu li fl-imsemmi proċediment intużat l-istqarrija li r-rikorrent kien ta lill-Pulizija bla ma kien ingħata l-opportunità li jikkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu taf iġġib magħha s-sejbien awtomatiku tal-jedd tar-rikorrent dwar smigħ xieraq bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni jekk kemm-il darba dik l-istqarrija tintuża fil-proċediment bħala prova kontra min għamilha;

Illi ma jirriżultax li, fil-każ taż-żewġ rikorrenti, kien hemm xi raġunijiet hekk serji u partikolari (li l-QEDB tiġborhom taħt il-kliem '*compelling reasons*'[42]) li jċaħħdu lir-rikorrenti milli jkunu mgħejjuna minn avukat waqt li kienu interrogati u waqt li kienu qegħdin jagħtu l-istqarrijiet tagħhom. Ir-raġuni waħdanija li dan ma sarx jidher li kienet li, dak iż-żmien, il-liġi ma kinitx tħalli li persuna fil-qagħda tar-rikorrenti setgħet titlob dik l-għajnuna. Lanqas huwa wisq rilevanti jekk, bejn meta taw l-ewwel stqarrija u meta ssejħu biex jagħmlu t-tieni stqarrija, iż-żewġ rikorrenti setgħu laħqu kellmu avukat tal-fiduċja tagħhom dwar dak li kienu għaddew u li x'aktarx kienu sejrin jgħaddu minnu, ladarba l-istess ħaġa ġrat fir-rigward tat-tnejn li huma meta ntalbu jagħtu t-tieni stqarrija. Ladarba huwa hekk, jiġi li dik iċ-ċaħda u dak in-nuqqas fil-liġi (li, fis-sewwa, jrid jingħad li sa dak iż-żmien kienet għaddiet mill-Parlament iżda li baqgħet għal żmien ma nġabitx fis-seħħ) iwasslu biex ikollu jinstab li jkun hemm ksur tal-jedd kif imħares taħt dan is-sub-inċiż partikolari tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni li kieku dawk l-istqarrijiet magħmula mir-rikorrenti jitħallew jintużaw bħala prova kontrihom;

Illi għar-rigward tal-kwestjoni li r-rikorrenti ma tħallewx ikunu jafu x'kellha dwarhom l-Pulizija fil-'*file*' tagħha, ir-rikorrenti jgħidu li dan il-ksur tal-istess jedd tagħhom għal smigħ xieraq seħħ biċ-ċaħda li jitħallew jikkonsultaw ma' avukat waqt li kienu qegħdin ikunu interrogati. Huma jgħidu li, minħabba din

[40] Kost. **2.3.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dominic Camilleri vs Avukat Ġenerali***
[41] Q.E.D.B. **2.4.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Dimech vs Malta*** (Applik. Nru. 34373/13) § 44
[42] Cfr ***Borġ vs Malta*** § 57 u ara wkoll Q.E.D.B. (GC) **13.9.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Ibrahim et vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 50541/08) § 258

iċ-ċaħda, ma setgħux ikunu jafu x'tagħrif kellha dwarhom il-Pulizija u kif dak it-tagħrif seta' jżomm il-bilanċ li trid il-liġi bejn il-jeddijiet tagħhom u dawk ta' min kien qiegħed jistħarriġhom u jinterrogahom. Iqisu li, minħabba f'hekk, inkisret ir-regola tal-ekwità li trid li kull parti jkollha l-istess trattament f'kull proċediment ('*equality of arms*'). F'dan ir-rigward, huma jsemmu kif l-istess Kodiċi Kriminali llum daħħal din ir-regola fl-Ittra bi Drittijiet li għandha tingħata lil kull min ikun arrestat[43];

Illi, min-naħa l-oħra, l-intimat isejjaħ dan l-ilment tar-rikorrenti bħala wieħed fieragħ u jressaq argumenti biex ixejjen l-stess ilment. Huwa jgħid li ma jeżisti l-ebda jedd bħal dan u la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni. Iżid jgħid li l-ħtija jew l-innoċenza ta' kull persuna mixlija tinbena fuq dak li jkun jagħmel parti mill-atti proċesswali u mhux fuq dak li jista' jkollha l-Pulizija fil-'*file*' tagħha u ma tressqux 'il quddiem. Jekk il-Pulizija żżomm għaliha dak it-tagħrif, dan ma jista' jkun qatt ta' ħsara għall-persuna mixlija jekk dak it-tagħrif ma jkunx jagħmel parti mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni. Huwa minn dak il-waqt 'il quddiem li jqum l-element tal-'*equality of arms*' billi mbagħad il-Prosekuzzjoni tkun trid turi l-provi li għandha u tagħti lill-parti mixlija u lid-difiża tagħha l-opportunità li tirribatti dawk il-provi. Itemm jgħid li, fl-istat li fihom jinsabu l-proċeduri kontra r-rikorrenti, kulma kellha ġġib 'il quddiem il-Prosekuzzjoni jinsab fl-atti u kemm ir-rikorrenti u kif ukoll id-difensuri mqabbdin minnhom jafu x'hemm u jistgħu jħejju d-difiża xierqa dwarhom;

Illi l-Qorti tagħraf li dak li jilmintaw minnu r-rikorrent f'dan ir-rigward ma kienx hemm dwaru xi dispożizzjoni tal-liġi fis-seħħ meta ġara l-każ tagħhom[44]. Madankollu, ilu żmien magħruf li l-jedd ta' aċċess għal tagħrif li jista' jxejjen jew idgħajjef il-ħtija tal-persuna mixlija jimxi id f'id mal-jeddijiet imħarsin taħt l-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni. Minħabba f'hekk jingħad li "*In principle, fairness requires adequate disclosure to the defence, prior to the trial and in sufficient time to enable its effective use in preparing the defence, of any material capable of assisting the defence. In some cases, such as those involving national security issues, an exception to the general rules about the disclosure of evidence is allowed on public interest grounds. One recognized procedure is for the trial judge to examine the sensitive evidence ex parte so as to rule on whether the public interest in secrecy outweighs the value of the material to the defendant*"[45]. Minn dan jidher li dan l-aċċess għandu jiċċaħħad biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali[46];

---

[43] Ara Skeda "E", Taqsima I tal-Kap 9
[44] Id-dispożizzjonijiet rilevanti ddaħħlu fit-Titolu VI tal-Ewwel Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kap 9 bis-saħħa tal-Att IV tal-2014 (li daħal fis-seħħ fit-18 ta' Marzu, 2014) fl-artt. 534A sa 534AG
[45] W A Schabas *The European Convention on Human Rights – A Commentary* (OUP 2015) pġ. 310
[46] Q.E.D.B. **11.1.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***McKeown vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 6684/05) §§ 40 – 47

Illi madankollu l-Qorti tqis li l-imsemmija regola tgħodd fil-qafas ta' proċedura mnedija quddiem qorti. Dan jidher li huwa l-każ jekk wieħed jara t-taqsima "E" tal-Ittra Bi Drittijiet[47] li, għar-rigward tal-aċċess għad-dokumenti, tagħraf bejn l-istadju li bniedem ikun inżamm b'arrest (f'liema każ, l-aċċess ikun għal dawk id-dokumenti meħtieġa għall-kontestazzjoni tal-arrest jew detenzjoni) u dak fejn il-każ ikun tressaq quddiem qorti (f'liema każ l-aċċess huwa dwar kull prova materjali favur jew kontra l-akkużat);

Illi r-rikorrenti ma fissrux kif in-nuqqas ta' aċċess għal dokumenti li seta' kellha f'idejha l-Pulizija fil-waqt li kienet qiegħda tinterrogahom ġabilhom ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq. Il-Qorti terġa' ttenni li ladarba l-proċeduri kontra r-rikorrenti għadhom għaddejjin, il-jedd li jaċċedu għal dawk id-dokumenti u jħejju kif jixraq id-difiża tagħhom għadu mhux mittiefes. Minbarra dan, minħabba l-kunsiderazzjonijiet li saru qabel (u l-provvediment li ser jintgħamel fil-parti dispożittiva ta' din is-sentenza dwar l-istqarrijiet magħmula mir-rikorrenti), ir-rikorrenti ma għandhomx minn xiex jilmintaw minn xi ħsara marbuta man-nuqqas ta' aċċess għall-'*file*' tal-Pulizija fl-istadju li kienu interrogati, għaliex dawk iċ-ċirkostanzi mhumiex se jkunu meħtieġa għat-tħejjija xierqa tad-difiża tagħhom meta l-proċeduri kontrihom jitkomplew[48];

Illi dan jingħad lil hinn mill-fatt li biex wieħed iqis jekk iċ-ċaħda għall-aċċess ta' dokumentazzjoni ġabitx magħha ksur tal-jedd għal smigħ xieraq ta' dak li jkun, irid jitqies fid-dawl tal-proċediment kollu li jkun u mhux biss b'riferenza għal episodju wieħed maqtugħ għalih[49];

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti wrew tajjeb biżżejjed li ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq taħt din il-kawżali;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>x-xhieda mressqa minn uffiċjali tal-Pulizija</u> safejn din tirreferi għal xi kliem jew kummenti magħmulin mir-rikorrenti waqt il-ħin li nżammu arrestati għall-interrogazzjoni, la r-rikorrenti nfushom u lanqas l-intimat Avukat Ġenerali ma ressqu sottomissjonijiet;

Illi l-Qorti tifhem li din il-kawżali tintrabat sfiq mal-ewwel kawżali. Jekk kemm-il darba l-uffiċjali Prosekuturi xehdu fuq xi ħaġa li r-rikorrenti, jew min minnhom, setgħu qalu waqt li kienu miżmuma u bla ma tħallew ikellmu avukat, jgħoddu l-istess ħwejjeġ li ngħadu dwar is-siwi tal-istqarrijiet. Bla ma l-Qorti toqgħod ittenni l-prinċipji li ssemmew qabel, jgħoddu għall-imsemmija dikjarazzjonijiet l-istess sanzjonijiet li jgħoddu għall-istqarrijiet miktuba.

---

[47] Li tikkostitwixxi t-Taqsima I tal-Iskeda "E" tal-Kap 9 li ddaħħlet ukoll bis-saħħa tal-Att IV tal-2014

[48] Kost.**13.2.2017** fl-atti tar-Riferenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spett. M Bondin) vs Clayton Azzopardi*** §§ 20 – 23

[49] P.A. Kost LSO **27.2.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Graziella Attard vs Avukat Ġenerali*** (appellata)

Għalhekk, din il-kawżali sejra titqies flimkien mal-ewwel waħda u, fil-parti dispożittiva tas-sentenza, il-Qorti sejra tagħti d-direttiva li taħseb li hija l-aktar xierqa fir-rigward;

Illi għalhekk, l-ilment taħt din il-kawżali huwa mistħoqq safejn jintrabat mal-qagħda tar-rikorrenti waqt li kienu arrestati u mhux mgħejjuna minn avukat. Xiehda oħra li setgħu taw l-uffiċjali tal-Pulizija li semgħu lil ħaddieħor jgħidha, mhijiex sejra titqies f'din l-istanza, għaliex din hija ħaġa li taraha l-Qorti Kriminali u li għandha s-setgħa li tidderieġi lill-Ġurija dwarha fl-istadju xieraq tal-Ġuri;

Illi jifdal li l-Qorti tqis ir-raba' kawżali tal-ilment tar-rikorrenti u jiġifieri t-talba għat-tneħħija mill-atti ta' xi dokumenti mressqa mill-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni tax-xhieda quddiem il-Qorti Istruttorja. Din il-kawżali titkellem dwar sett ta' dokumenti li jikkonsistu fi traskrizzjoni ta' diskursati li saru waqt telefonati (li fihom kienu mdaħħla r-rikorrenti u oħrajn) li kienu interċettati fi żmien qabel sa dakinhar li ġew arrestati fis-6 ta' Ġunju, 2005, u żewġ dokumenti mressqa minn rappreżentant tar-reġistratur tal-Qrati Kriminali. L-ilment tar-rikorrenti dwar tal-ewwel huwa li dawn tressqu bħala prova minn uffiċjal tal-Pulizija meta ma kienx hu li ikkompilahom u b'hekk ma tressqitx l-aqwa prova u wisq anqas setgħu r-rikorrenti jikkontrollaw b'xhieda lil min għamilhom. Iżidu jgħidu li l-Pulizija ma humiex esperti kompetenti biex jagħrfu l-ilħna fit-telefonati interċettati u li, skond id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurtà[50], l-ikkupjar ta' telefonati interċettati seta' jsir biss minn uffiċjali tas-Servizz tas-Sigurtà. Minbarra dan, jisħqu li t-traskrizzjoni tad-diskors interċettat tikser il-liġi, saret meta ma kienx hemm ħatra għal daqshekk minn qorti, saret minn min ma kienx espert fil-ħaġa, saret bla ma hemm kontinwità, u saret b'mod li kien hemm tbagħbis u kontaminazzjoni tal-għajn tal-istess evidenza. Minħabba dan kollu, jgħidu, seħħ ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq;

Illi għal dan l-ilment l-intimat Avukat Ġenerali jwieġeb billi jgħid li l-Qorti tal-Appell Kriminali diġà qieset din il-kwestjoni fis-sentenza tagħha meta kienet qiegħda tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet imqajmin mir-rikorrenti dwar l-Att tal-Akkuża. Huwa jgħid li l-kwestjoni tal-ammissibilità ta' prova tinsab fis-setgħa tal-Qorti li se tmexxi l-Ġuri u, minħabba f'hekk, ir-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw li diġà seħħ ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq bil-fatt li s'issa l-imsemmija dokumenti għadhom fl-inkartament tal-Att tal-Akkuża;

Illi huwa minnu li din il-kwestjoni tressqet mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Kriminali u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Fiż-żewġ istanzi,

[50] Jirreferu għall-art. 3 tal-Kap 391

id-deċiżjoni marret kontra t-talba tar-rikorrenti biex id-dokumenti msemmija jitneħħew mill-atti tal-kawża. Il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma għandhomx jinqdew bil-proċedura ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali biex idawruha f'appell mill-appell[51]. Madankollu l-kwestjoni kif imqanqla mir-rikorrenti f'din ir-raba' kawżali tista' titqies taħt il-profil tal-jedd għal smigħ xieraq u fil-qafas tal-azzjoni kif imressqa, b'mod partikolari fejn jidħlu l-imparzjalità u l-kompetenza tax-xhud[52] jew tal-espert[53];

Illi ma hemmx dubju li l-ilment tar-rikorrenti jintrabat mar-regolarità proċedurali tad-dokumenti li tagħhom jitolbu t-tneħħija mill-atti. Huwa prinċipju aċċettat li "*Evidence obtained contrary to the norms laid down in the Convention itself, such as statements extracted via torture or other inhuman treatment contrary to Article 3, or evidence collected by means of encroachment on privacy contrary to Article 8, conflicts on that ground alone with the Convention. However, the Convention does not lay down rules on evidence as such. The Court, therefore, does not exclude as a matter of principle and in the abstract that evidence obtained in breach of provisions of domestic law may be admitted. It is a matter for the national courts to assess the obtained evidence and its relevance. Nevertheless, the Court has adopted the view that the principle of 'fair hearing' may entail specific requirements with respect to evidence*"[54]. Dan ikun ifisser li l-kwestjoni tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq minħabba l-kwalità, ir-regolarità jew saħansitra l-ammissibilità ta' prova (dokumentali jew mod ieħor) tista' titqies biss b'riferenza għall-proċediment kollu u mhux b'episodju maqtugħ għalih[55] ;

Illi din il-fehma ntlaqgħet u tħaddmet ukoll mill-Qrati f'Malta wkoll f'każijiet li kienu jitrattaw ilmenti ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq[56];

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti tasal għall-fehma li ż-żamma fl-atti tal-Att tal-Akkuża tad-dokumenti magħmula minn traskrizzjoni tat-telefonati interċettati ma tikkostitwix ksur tal-jedd tar-rikorrenti għas-smigħ xieraq fil-każ tagħhom meta huwa ċar li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jreġix biss fuq dawk id-dokumenti u meta għad irid jirriżulta jekk il-Prosekuzzjoni hijiex sejra toqgħod fuq dawk id-dokumenti jew issemmihom waqt il-Ġuri;

---

[51] Kost. **9.12.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Seychell vs Onor. Prim Ministru et***

[52] Ara Kost,. **9.12.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Mark Charles Kenneth Stephens vs Attorney General*** §§ 38 – 9

[53] Ara Kost. **6.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Saliba vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.66**)

[54] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit*, § 10.5.3 f'paġġ. 585 – 6

[55] Q.E.D.B. (GC) **12.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Schenk vs Żvizzera*** (Applik. Nru. 10862/84) § 46; Q.E.D.B. **26.9.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Miailhe vs Franza (Nru. 2)*** (Applik. Nru. 18978/91) § 43; u Q.E.D.B. **18.3.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Mantovanelli vs Franza*** (Applik. Nru. 21497/93) § 34, fost bosta oħrajn

[56] Ara, b'eżempju, Kost. **15.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.379**) u Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.452**) u Kost. **25.2.2011** fl-atti tar-Riferenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spett. Carmelo Magri) vs George Xuereb***

Illi l-Qorti tagħmel l-istess osservazzjonijiet dwar it-talba tar-rikorrenti biex mill-atti tal-Att tal-Akkuża jitneħħew żewġ dokumenti mressqa mix-xhud Robert Buġeja (rappreżentant tar-Reġistratur tal-Qrati) waqt l-għoti minnu tax-xhieda fis-16 ta' Frar, 2010, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Inkwirenti.[57] Il-Qorti tirrileva li, fil-każ tal-ewwel dokument, dan huwa kopja awtentikata minn verbal ta' kawża li huwa fih innifsu att ta' qorti li l-liġi tgħid li huwa ammissibbli bi prova bla ħtieġa ta' ebda prova oħra dwar l-awtentiċità tagħhom[58]. Fil-każ tat-tieni dokument, it-traskrizzjonijiet li allegatament juru x'ingħad fit-telefonati interċettati għadhom jistgħu jkunu mistħarrġa jew attakkati mid-difiża fl-istadju xieraq tal-proċeduri li jinsabu għaddejjin fir-rigward tar-rikorrenti;

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-ilment tar-rikorrenti dwar l-imsemmija dokumenti huwa wieħed mistħoqq;

Illi jifdal li l-Qorti tqis **ir-rimedju** li jixraq jingħata lir-rikorrenti. Mill-kunsiderazzjonijiet magħmula aktar 'il fuq, jidher li l-provvediment l-aktar effettiv ikun dak li ma jħallix li l-istqarrijiet magħmula mir-rikorrenti jibqgħu jagħmlu parti aktar mill-atti proċesswali tal-każ tagħhom, ladarba dawn ittieħdu mingħandhom f'kundizzjonijiet li llum jitqiesu bħala leżivi tal-jedd tagħhom taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Tqis ukoll li, mingħajr it-tneħħija tal-istess stqarrijiet mill-atti, il-possibilità li l-Qorti li quddiemha qiegħed jinstema' l-każ tar-rikorrenti tinqeda bihom jew tiġbed xi fehma minn dak li jissemma fihom, tista' ġġib ukoll ksur tal-jedd tar-rikorrenti imħares taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Il-Qorti jidhrilha li t-tneħħija mill-atti tal-imsemmija stqarrijiet tkun rimedju xieraq u effettiv biex jitneħħa għal kollox kull biża' ta' ksur tal-jeddijiet li dwarhom ir-rikorrenti ressqu din il-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimat billi mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u ssib li l-azzjoni attriċi ma tressqitx qabel waqtha;

**Tilqa' limitatament l-ewwel talba attriċi** billi ssib li l-jedd għal smigħ xieraq tar-rikorrenti, kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, jinkiser jekk kemm-il darba jsir użu mill-istqarrijiet li r-rikorrenti taw bla ma kienu mgħejjuna minn avukat; imma **tiċħad l-istess talba** għall-bqija, billi ma jirriżulta l-ebda ksur tal-jeddijiet tar-rikorrenti u la taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni biċ-ċaħda lir-rikorrenti tal-aċċess għall-'*file*' tal-Pulizija u lanqas biż-żamma fl-atti tad-dokumenti li huma talbu t-tneħħija tagħhom mill-atti tal-Att tal-Akkuża;

[57] Dokti "BRA1" u "BRA2", f'paġġ. 89 sa 460 tal-proċess
[58] Art. 627 tal-Kap 12

**Tipprovdi dwar it-tieni talba attriċi** billi tordna li ma jista' jsir l-ebda użu mill-istqarrijiet tar-rikorrenti u li dawn jitneħħew mill-atti proċesswali tal-każ li qiegħed jitmexxa kontrihom quddiem il-Qorti Kriminali, bħalma trid titneħħa wkoll kull xhieda mogħtija matul dak il-proċediment li ssemmi l-kontenut tal-istess stqarrijiet jew kull xhieda dwar kummenti li r-rikorrenti setgħu għamlu jew qalu matul iż-żmien li nżammu arrestati jew interrogati bla ma kellhom il-jedd li jitolbu u jinqdew bl-għajnuna ta' avukat tal-fiduċja tagħhom; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi u bi tħaddim tar-regola miġjuba fl-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kull parti **tħallas l-ispejjeż tagħha** fil-kawża.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**29 ta' Novembru, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**29 ta' Novembru, 2018**